**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 156/06VG**

**Robert Abela**

**Vs**

**Grace Borg u Sylvana Cristina**

**Illum 26 ta' Ottubru 2015**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Robert Abela fl-1 ta' Gunju 2006 permezz ta' liema jitlob li, prevja dikjarazzjoni li l-allegazzjonijiet ta' Grace Borg imxandra fuq TVM – ta' liema stazzjon televiziv Sylvana Cristina hija l-edtiur registrat – fit-23 ta' Mejju 2006 waqt il-programm Bondi+ huma inveritieri, libelluzi u malafamanti fil-konfront tieghu u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni tieghu, Grace Borg u Sylvana Cristina jigu kkundannati jhallsuh dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra Grace Borg u Sylvana Cristina;

Rat ir-Risposta tal-konvenuta Grace Borg permezz ta' liema teccepixxi li: (i) preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront taghha huma insostenibbli stante li ma setghet qalet l-ebda kliem fil-konfront ta' l-attur matul il-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006 u dan ghaliex proprju ma kenitx prezenti fl-imsemmi programm, u dan kif jirrizulta mill-programm innifsu; (ii) ir-Rikors ta' l-attur bl-ebda mod ma jghid jew ghall-inqas jaghti indikazzjoni ta' x'kliem gie wzat minnha li seta' kien inveritier, libelluz u malafamanti u li kellu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu; (iii) it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fi kwalunkwe kaz hija qatt u imkien, fuq l-ebda stampat jew mezz tax-xandir, ma qalet kliem libelluz, malafamanti w inveritier kontra l-attur; u (iv) fi kwalunkwe kaz hija ma kellha l-ebda involvement fid-direzzjoni tal-programm in kwistjoni;

Rat li l-konvenuta Sylvana Cristina giet notifikata bir-Rikors promotur fl-4 ta' Gunju 2007 izda baqghet ma pprezentat l-ebda Risposta ghall-istess;

Rat illi b'Nota pprezentata fil-5 ta' Novembru 2010[1] l-attur ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuta Sylvana Cristina izda zammhom fermi fil-konfront tal-konvenuta l-ohra, Grace Borg – b'dana ghalhekk li llum l-azzjoni attrici hija diretta unikament fil-konfront tal-konvenuta Grace Borg;

Semghet ix-xhieda ta' Mike Spiteri moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007[2] u x-xhieda ta' John Demanuele moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Dicembru 2007[3] u tal-21 ta' Jannar 2010[4], rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA2" esebiti b'Nota ipprezentata fit-11 ta' Dicembru 2007 a fol. 26 sa' 31 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Fabrizio Faniello moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Frar 2008[5] u tal-21 ta' Jannar 2010[6], u x-xhieda ta' Aldo Spiteri moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2008[7], semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Frar 2008[8] u tad-9 ta' Lulju 2008[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 38 tal-process u a fol. 52 u 53 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Veronica Elizabeth Harrut moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2008[10] u x-xhieda tal-konvenuta Grace Borg moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2008[11], rat l-affidavits ta' Rita Spiteri, Amanda Spiteri u Simon Spiteri esebiti mill-konvenuta Grace Borg waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2008 a fol. 46 sa' 48 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Marcus Leum moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2008[12] u x-xhieda ta' Martin Gauci[13] u ta' Tony Camilleri[14] moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2008, rat l-affidavit ta' Keith Camilleri esebit mill-konvenuta Grace Borg permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Ottubru 2009 a fol. 81 u 82 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Rita Spiteri moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2009[15] u x-xhieda ta' Amanda Spiteri moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2009[16], u rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Keith Camilleri moghtija waqt is-seduta mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju Dr. Daniela Mangion fit-8 ta' Frar 2011[17];

---

[1] Fol. 114 tal-process.
[2] Fol. 20 u 21 tal-process.
[3] Fol. 22 sa' 24 tal-process.
[4] Fol. 100 sa' 102 tal-process.
[5] Fol. 33 u 34 tal-process.
[6] Fol. 97 sa' 99 tal-process.
[7] Fol. 35 u 36 tal-process.
[8] Fol. 37 tal-process.
[9] Fol. 51 tal-process.
[10] Fol. 40 u 41 tal-process.
[11] Fol. 43 sa' 45 tal-process.
[12] Fol. 55 u 56 tal-process.
[13] Fol. 64 u 65 tal-process.
[14] Fol. 66 u 67 tal-process.
[15] Fol. 83 sa' 85 tal-process.
[16] Fol. 92 sa' 94 tal-process.
[17] Fol. 116 sa' 118 tal-process.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturipprezentata fl-24 ta' Marzu 2011 a fol. 120 sa' 126 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuta Grace Borg ipprezentata fil-11 ta' Mejju 2011 a fol. 129 sa' 155 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li prevja dikjarazzjoni li l-allegazzjonijiet tal-konvenuta Grace Borg imxandra fuq TVM, ta' liema stazzjon televiziv Sylvana Cristina hija l-editur registrat, fit-23 ta' Mejju 2006 waqt il-programm Bondi+ huma inveritieri, libelluzi u malafamanti fil-konfront tieghu u ghandhom l-iskop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti (kif originarjament impostata l-azzjoni attrici) ihallsuh dik is-somma minnha likwidata ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Novembru 2010, l-attur ceda l-atti tal-kawza odjerna fil-konfront tal-konvenuta Sylvana Cristina izda zammhom fermi fil-konfront tal-konvenuta l-ohra, Grace Borg, li tilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront taghha huma insostenibbli stante li ma setghet qalet l-ebda kliem fil-konfront ta' l-attur matul il-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006 u dan ghaliex proprju ma kenitx prezenti fl-imsemmi programm, u dan kif jirrizulta mill-programm innifsu; (ii) ir-Rikors ta' l-attur bl-ebda mod ma jghid jew ghall-inqas jaghti indikazzjoni ta' x'kliem gie wzat minnha li seta' kien inveritier, libelluz u malafamanti u li kellu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu; (iii) it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fi kwalunkwe kaz hija qatt u imkien, fuq l-ebda stampat jew mezz tax-xandir, ma qalet kliem libelluz, malafamanti w inveritier kontra l-attur; u (iv) fi kwalunkwe kaz hija ma kellha l-ebda involvement fid-direzzjoni tal-programm in kwistjoni.

Il-Qorti thoss li ghandha tittratta l-ewwel l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta Grace Borg u cioè li t-talbiet attrici fil-konfront taghha huma insostenibbli stante li ma setghet qalet l-ebda kliem fil-konfront ta' l-attur matul il-programm Bondi+ li xxandar fit-23 ta' Mejju 2006, peress illi ma kenitx prezenti fl-imsemmi programm.

Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda tal-konvenuta Grace Borg stess jirrizulta li ghalkemm ma kenitx prezenti waqt il-programm Bondi+ li xxandar fit-23 ta' Mejju 2006, bhala fatt waqt dak il-programm ixxandret *clip* ta' diskors li hija qalet, anke fil-konfront ta' l-attur, mal-wasla taghha lura Malta minn Ateni in segwitu ghall-Eurovision Song Contest. Fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2008, il-konvenuta Grace Borg iddikjarat is-segwenti: *nghid li fil-programm tat-23 ta' Mejju 2006 imsejjah Bondiplus jiena ma kontx prezenti. Nghid li jiena kont prezenti izda sussegwentement Lou Bondi*

*kien infurmani li c-chairman ma xtaqx li jiena nkun prezenti u ghalhekk jien m'attendejtx ghal din il-laqgha. Il-programm kien fuq il-kontroversja li kien hemm tad-delegazzjoni Maltija, kantant Malti li jirrapprezenta l-Izvizzera u il-kontingent Malti li jirrapprezenta lil Malta u wasalna lura mill-Grecja fuq l-istess ajruplan. Jiena dak iz-zmien kont manager ta' Keith Camilleri, il-kantant Malti li rnexxielna jirrapprezenta lill-Izvizzera fil-Eurovision. Ma kontx prezenti ghall-programm ta' Bondiplus ghaliex ic-chairman ma xtaqx il-prezenza tieghi hemmhekk u allura ma mortx. Ic-chairman huwa tal-Maltasong Board l-attur Robert Abela. Sa fejn naf jien kien hu li kien prezenti waqt dan il-programm. Nixtieq nghid li waqt il-programm Lou Bondi beda jghid li ha jaghmel clip u jirrapporta xi haga li allegatament kont ghidt jien. Fil-fatt kont cempilt lil Silvana Cristina li kienet tahdem il-PBS u ghedtilha biex Lou Bondi ma jipproduci xejn li kien jikkoncerna lili ghax jiena ma nkunx fl-istudio u ma nkunx nista' nirrispondi ghal xi kummenti li jista' jghaddi fil-konfront tieghi. Ciò nonostante l-filmat hareg. Sussegwentement jiena kont ktibt lill-Broadcasting Authority u sussegwentement wasalna f'arrangament jiena u l-Broadcasting Authority li huwa tani intervista personali. Nixtieq nghid li l-arrangament li kelli kien ma' Lou Bondi u mhux mal-Public Broadcasting Authority.*

Il-Qorti ezaminat il-*clip* in kwistjoni li giet esebita mill-attur bhala Dok. Z1 a fol. 53 tal-process u minnha jirrizulta li l-konvenuta Grace Borg effettivament qalet diskors fil-konfront ta' l-attur u hi u tghid tali diskors kienet ben konxja tal-fatt li kien hemm *cameraman* tal-PBS li kien qed jigbed kollox. In effetti mill-istess *clip* jirrizulta li x'hin il-konvenuta rat il-*cameraman* quddiemha staqsietu *inti PBS qed tigbed? … PBS all right … all right … ara ma narax il-footage x'imkien iehor … PBS ok* u hi u hierga mill-*arrivals* ta' l-airport baqghet tghid diskors anke fil-konfront ta' l-attur bil-*cameraman* tal-PBS jigbed kollox. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta Grace Borg mhux biss kienet taf li dak kollu li kien qed jinghad minnha kien qed jigi migbud minn *cameraman* tal-PBS, izda bl-atteggjament taghha addirittura instigat lill-PBS biex ixxandar dak id-diskors, kif fil-fatt gara meta xxandret il-*clip* relattiva waqt Bondi+ fuq l-istazzjon TVM fit-23 ta' Mejju 2006. Ghalkemm il-konvenuta tikkontendi li qabel ma ixxandret il-*clip* cemplet lil Sylvana Cristina, dak iz-zmien editur registrat tal-PBS, biex ma jixxandar xejn fl-assenza taghha mill-istudio tal-programm Bondi+, dak minnha issa affermat ma gie bl-ebda mod ikkoroborat la bix-xhieda ta' l-istess Cristina jew ta' Lou Bondi li setghu facilment gew ingunti bhala xhieda fir-rigward mill-konvenuta izda li, ghal xi raguni, ma gewx hekk prodotti.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk, il-fatt li l-konvenuta Grace Borg ma kenitx attwalment prezenti waqt il-programm Bondi+, ma jfissirx li b'daqshekk l-attur ma jistax jistitwixxi proceduri ta' libell kontriha ghad-diskors li hija qalet fil-konfront tieghu, partikolarment meta, jigi ribadit, bl-atteggjament taghha l-istess konvenuta Grace Borg instigat lill-PBS biex ixxandar tali diskors. B'hekk l-eccezzjoni preliminari sollevata minnha fir-Risposta taghha tat-23 ta' Gunju 2006, ma hijiex gustifikata u ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghalkemm fil-fehma tal-Qorti l-attur ghandu dritt jistitwixxi proceduri ta' libel kontra l-konvenuta Grace Borg ghad-diskors li qalet fil-konfront tieghu, liema diskors gie mxanndar fuq TVM waqt il-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006, huwa xorta wahda ghandu jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li fil-kaz in ezami jissussistu l-estremi ta' l-azzjoni minnu istitwita kontra l-konvenuta, u cioè: (i) li l-oggett (pubblikazzjoni jew xandira) huma malafamanti, (b) li dak l-oggett kien jirreferi ghalih; u (c) li l-oggett tqassam jew ixxandar u twassal lil terzi[18]. F'dan l-istadju però il-Qorti tqis li ghandha l-ewwel tittratta t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Grace Borg fir-Risposta taghha ghat-talbiet attrici, u cioè li r-Rikors ta' l-attur bl-ebda mod ma jghid jew ghall-inqas jaghti indikazzjoni ta' x'kliem gie wzat minnha li seta' kien inveritier, libelluz u malafamanti u li kellu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu.

F'tali rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 171(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skont l-ghamla preskritta u jsir fl-ghamla ta' avviz semplici iffirmat mir-Registratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher, minbarra partikolaritajiet ohra li jistghu minn zmien ghal zmien jigu preskritti*[19] u ghal dak osservat minn diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali dwar l-Avviz, illum Rikors li jsir fl-ghamla ta' Avviz,ipprezentat quddiem il-Qrati Civili kompetenza inferjuri: *l-avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati kellu jitqies biss li kien sejha lill-konvenut biex jidher quddiem il-Qorti halli jirrispondi ghat-talbiet ta' l-attur u li konsegwentement it-termini tieghu ma kellhomx jitqiesu li kienu daqstant rigidi li ma setghux ikunu interpretati biex jinkludu dak li l-partijiet kienu ben konsapevoli tieghu*[20].

Fid-dawl ta' dak appena osservat ghalhekk, il-fatt li fir-Rikors promotur l-attur ma jghidx jew ta' l-inqas ma jaghtix indikazzjoni ta' xi kliem gie wzat mill-konvenuta Grace Borg fil-konfront li seta' kien inveritier, libelluz u malafamanti u li kellu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu, ma jnaqqas xejn mill-azzjoni tieghu fil-konfront tal-konvenuta dement li tul is-smigh tal-proceduri jressaq prova sodisfacenti ta' dak li nghad fil-konfront tieghu mill-istess konvenuta Grace Borg, li skont huwa inveritier, libelluz u malafamanti u li kellu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu.

Ghal kull buon fini jigi rilevat li lanqas l-Att dwar l-Istampa ma jikkontjeni provvediment li jaghmilha tassattiva illi fir-Rikors promotur ikun hemm indikati l-kliem li skond l-attur huma inveritieri, libelluzi u malafamanti u li

[18] Onor. John Dalli v. Gino Cauchi, Citaz. Nru. 2448/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2002.
[19] Sottolinear tal-Qorti.
[20] Korporazzjoni Enemalta v. David Casha, Avviz. Nru. 1047/96 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2001.

kellhom l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-resputazzjoni tieghu, kull ma tghidlek il-Ligi huwa min jista' jigi imharrek f'azzjoni kriminali jew f'azzjoni civili nascenti mill-imsemmi Att. Mill-bqija ghal dak li jirrigwarda prova huwa imholli ghall-partijiet fil-kawzi li jressqu l-istess u ghall-gudikant li jevalwa u jikkonsidra l-provi hekk prodotti.

B'hekk fil-fehma tal-Qorti anke t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Grace Borg hija ingustifikata u ma tisthoqqx li tigi milqugha.

Trattati l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta Grace Borg, jehtieg issa jigi trattat il-meritu proprio ta' l-azzjoni odjerna u cioè jekk il-konvenuta Grace Borg verament qalitx diskors fil-konfront ta' l-attur li huwa inveritier, libelluz u malafamanti u li kellu l-iskop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu jew inkella le.

Kif già iktar 'l fuq osservat l-attur fi proceduri ta' libell ghandu l-oneru li jipprova s-segwenti: (a) li l-oggett (pubblikazzjoni jew xandira) huma malafamanti, (b) li dak l-oggett kien jirreferi ghalih; u (c) li l-oggett tqassam jew ixxandar u twassal lil terzi.

Fil-fehma tal-Qorti mid-DVD tal-programm televiziv Bondi+ li xxanndar fit-23 ta' Mejju 2006 li gie *recorded* mill-attur stess u minnu esebit waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2008 bhala Dok. "Z1"[21], jirrizulta kemm l-element li d-diskors li nghad mill-konvenuta Grace Borg kien, almenu in parte, jirreferi ghall-attur u li dak li hija qalet *inter alia* fir-rigward tieghu effettivament ixxandar u twassal lil terzi.

Mill-imsemmi *recording* jirrizulta li l-konvenuta, fost affarijiet ohra, qalet is-segwenti: *ghax ma rawx ic-chairperson fis-sakra fil-green room. Fis-sakra ma' l-art kellkom, ic-chairperson. Issa li ghandi nghid, nghidu. Fis-sakra ma' l-art gol-green room. ... Hux nikklama, zibel bhal dak. Dak zibel and nothing else. Jekk hu otherwise iffittixni. Jekk hu mhuwiex dak li qed nghid, ifittixni.*

Ma hemmx dubju li dan id-diskors huwa dirett lejn l-attur Robert Abela stante li huwa fatt inkontestat li dak iz-zmien kien hu c-Chairperson tal-Malta Song Board u li flimkien mad-delegazzjoni Maltija u l-kantant Fabrizio Faniello telghu Ateni ghall-partecipazzjoni ta' Faniello fil-Eurovision Song Contest in rapprezentanza ta' Malta. Lanqas hemm dubju li dan id-diskors ixxandar u twassal lil terzi. Fl-ewwel lok il-konvenuta qalet id-diskors in kwistjoni fis-sala ta' l-*arrivals* ta' l-airport fejn kien hemm hafna nies prezenti w anke gornalisti u *cameramen* ta' stazzjonijiet televizivi varji, fosthom appuntu l-*camerman* tal-PBS, u fit-tieni lok, u iktar importanti mill-ewwel osservazzjoni, id-diskors li hija qalet, anke fil-konfront ta' l-attur, effettivament ixxandar fi *clip* murija waqt il-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006 fuq TVM. Ghal kull buon fini jigi osservat li ai termini tal-gurisprudenza nostrali *fil-ligi Maltija ghall-*

[21] Fol. 51 u 53 tal-process.

*finijiet ta' l-azzjoni civili ta' libel bhalma hija din, xandira radjufonika tigbed fuqha l-istess attenzjoni w effetti ta' pubblikazzjoni stampata. Differenza bejniethom jidher li hi li fil-kaz ta' xandira (radjufonika jew viziva) ikun bizzejjed li jintwera li din tkun giet trasmessa, u huwa immaterjali jekk fil-fatt tkunx giet ricevuta minn xi persuna jew le*. Jigi ribadit li fil-kaz in ezami ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni li l-*clip* li fiha jidher id-diskors li l-konvenuta Grace Borg qalet *inter alia* fil-konfront ta' l-attur effettivament giet tramessa fuq TVM waqt il-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006.

In kwantu rigwarda l-element tal-malafama jigi osservat li *l-libell b'xandira jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ccekken lill-persuna li ghaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-gieh tas-socjetà lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess socjetà, jew li tesponiha ghad-disprezz jew mibeghda taghha. Min-naha l-ohra, il-kritika ta' persuna, l-izjed jekk dik il-persuna tkun imdahhla fil-qasam pubbliku, ma ssirx minnufih passibbli ghas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun wahda serja, oggettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun harxa u qawwija. Minn dan johrog li l-ezami ewlieni li ghandu jaghmel il-gudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar jikkawzax lill-persuna li ghaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi nuqqas ta' stima f'ghanejn minn ikun qraha jew semaghha. Tali "udjenza" ghandha tigi meqjusa bhala qarrejja jew semmiegha ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem ipubblikat jew imxandar it-tifsira normali tieghu. Illi ghar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-ligi ta' l-istampa tittollera huwa x'aktarx gholi, azzardat u wiesgha, u cirkoskritt biss minn prova ta' hazen jew infondatezza tal-fatti imsemmija jew mid-dicenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet impost fuqha. Meta l-persuna li ghaliha ssir riferenza fil-pubblikazzjoni jew ix-xandira li tkun m'hijiex persuna fizika, imma wahda guridika, il-qilla tal-kritika u t-tolleranza taghha hija usa' sal-grad li imbasta tkun tollerabbli f'socjetà demokratika. F'dan il-kaz, il-principju ta' l-espressjoni hielsa huwa mirfud bil-kwistjoni ta' interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika misthoqqa li ghandha ssir dwar persuna involuta fil-hajja pubblika wkoll jekk il-kritika tolqot il-hajja privata tal-personagg pubbliku*[22].

Ma hemmx dubju li l-kliem tal-konvenuta Grace Borg fir-rigward ta' l-attur ma kienx kliem legger u l-fatt minnha lilu attribwit, ossia l-fatt li kien fis-sakra ma' l-art fil-green room, u l-opinjoni taghha fir-rigward tieghu minnha espressa lejn l-ahhar tal-*clip* imxandra waqt il-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006, huma tali li jgibu nuqqas ta' stima fil-konfront ta' l-attur, partikolarment fil-vesti pubblika tieghu ta' Chairperson tal-Malta Song Board, f'ghanejn min ikun sema' dak id-diskors. Huwa veru li *qua* persuna pubblika l-attur ghandu jittollera certu livell ta' kritika, jekk kritika jista' jissejjah id-diskors tal-konvenuta Grace Borg fil-konfront tieghu, izda tali kritika ma tridx

[22] Onor. John Dalli v. Gino Cauchi, Citaz. Nru. 2448/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2002.

tkun imsejsa fuq hazen jew infondatezza tal-fatti imsemmija jew tmur 'l hemm mid-dicenza pubblika.

Kif gustament osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Lino Debono v. Saviour Balzan,** Citaz. Nru. 165/92 deciza fis-27 ta' April 2001, *konsidrat il-fatt illi l-attur kellu allura z-zmien rilevanti jitqies li kien persuna pubblika kien mhux biss lecitu illi jkun il-mira ta' kritika anke harxa u skomda mill-avversarji politici* (u hawn il-Qorti izzid tghid avversarji anke mhux politici kif inhu evidentement il-kaz fil-kaz in ezami) *tieghu u mill-istampa imma wkoll, kif hu ormai risaput, il-latitudni ta' tali kritika u l-margini ta' tolleranza kienu fil-konfront tieghu ferm akbar minn dak accettat li tali kritika tkun meta immirata lejn persuna li ma tkunx notorjament pubblika. Dan kollu però bl-ebda mod ma jissarraf f'licenzja da parti ta' min jaghmel il-kritika li jaddebita fatti li ma jkunx sostanzjalment veri u korretti. Min ilissen diskors malafamanti kellu, biex jezimi ruhu minn kull responsabbilità, jkun f'posizzjoni illi jipprova li tali malafama fil-forma ta' kumment kritiku kienet tirreferi ghal u tkun marbuta ma' fatti li jkunu sostanzjalment veri. Il-prova f'dan ir-rigward tal-verità tal-fatt ma setghatx allura tkun incerta jew approssimattiva ghax altrimenti ma tohloq xejn hlief innuendo u dubbju*[23].

Nonsotante dak minnha affermat fil-konfront ta' l-attur, fit-tielet eccezzjoni taghha l-konvenuta Grace Borg tikkontendi li hija qatt u imkien, fuq l-ebda stampat jew mezz tax-xandir, ma qalet kliem libelluz, malafamanti w inveritier kontra l-attur. Bla dubju ta' xejn, u dan anke fid-dawl tal-principji guridici appena citati, il-konvenuta Grace Borg ghandha l-oneru li tipprova li dak li qalet fil-konfront ta' l-attur, liema diskors gie mxandar fuq l-istazzjon TVM waqt il-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006, huwa minnu u li konsegwentement ma huwiex libelluz, malafamanti w inveritier.

L-attur kategorikament jichad li kien fis-sakra ma' l-art fil-green room kif allegat mill-konvenuta Grace Borg u ressaq diversi xhieda li lkoll ikkonfermaw li huwa fl-ebda hin ma kien fis-sakra. Mill-provi rrizulta wkoll li l-konvenuta Grace Borg ma ratx hi stess lill-attur fis-sakra ma' l-art fil-green room izda ibbazata dak minnha affermat fil-konfront tieghu fuq dak li allegatament qalilha il-kantant Keith Camilleri. In sostenn ta' l-allegazzjonijiet taghha l-konvenuta resqet bhala xhieda *inter alia* lil Rita Spiteri, Amanda Spiteri, Simon Spiteri, Keith Camilleri u Martin Gauci.

Fl-affidavits taghhom, li l-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li hemm certa identità inkwetanti bejniethom, tant illi iktar jidher li huwa ezercizzju ta' *cut and paste* minn affaraijiet ohra, Rita Spiteri, Amanda Spiteri u Simon Spiteri[24] ilkoll iddikjaraw li *qabel ma' beda is-Song Contest, is-Sur Robert Abela hares lejna u lejn il-fillieri ta' hdejna b'pint birra f'idejh*[25] *u qalilna "X'intkom*

[23] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[24] Affidavits a fol. 46 sa' 48 tal-process.
[25] Sottolinear tal-Qorti.

*taghmlu hawn". ... Meta beda s-song contest is-Sur Abela rega mar f'postu u qal: "ghadni kif kelli xi nghid ma' Fabrizio u l-aqwa li ghandi l-birra u zewg whiskey go fija ghandi kollox[26]!". Dana inghad circa zewg diski qabel ma beda ikanta Fabrizio Faniello.* Permezz ta' din ix-xhieda l-konvenuta tipprova tiskredita lill-attur dwar jekk kienx hemm xorb alkoholiku dakinhar tas-Song Contest specjalment fil-green room. Madanakollu però l-attur fl-ebda stadju ma cahad li kien hemm xorb alkoholiku: li qal l-attur huwa li ma kienx hemm dan it-tip ta' xorb imqassam b'xejn, bhal ma kienu certa bevandi ohra, u li min ried xorb alkoholiku kellu jixtrih. Lanqas ma cahad l-attur li dakinhar ha birra u whiskey, ghalkemm jghid li ha boqqa whiskey biss u mhux grokk shih jew addirittura tnejn kif allegat minn Spiteri, izda b'daqshekk zgur ma jfissirx b'mod awtomatiku, kif donnha invece tippretendi l-konvenuta Grace Borg, li l-attur kien fis-sakra kif minnha allegat.

Ghalkemm fl-affidavit taghha Amanda Spiteri zzid tghid li *wara li spicca l-Eurovision Song Contest, mort flimkien ma' shabi fejn il-gate tal-kantanti. Sussegwentement mort bl-istess coach wahdi mad-delegation Maltija sal-lukanda fejn kien qieghed residenti Fabrizio Faniello. Kif inzilt mill-coach jiena rajt lis-Sur John Demanuele ikaxkar u jipprova jghin lis-Sur Robert Abela jdahhlu fil-hotel peress illi ma kienx fi stat li jimxi minhabba l-fatt li kien xurban[27]* u in kontro-ezami xehdet illi *nikkonferma ghal darb' ohra li dakinhar mill-bus ghall-lukanda Robert Abela kien fis-sakra u gie imkaxkar minn John Demanuele u Mike Spiteri. Wara l-Eurovision jiena spiccajt niekol mad-delegazzjoni fil-lukanda. Maghna però ma kienx hemm Robert Abela. Staqsejt lil Mike Spiteri u John Demanuele fejn kien Robert Attard dakinhar u t-tnejn qaluli li kien fil-kamra tieghu peress li kien fis-sakra[28]*, in ezami Mike Spiteri[29] xehed illi *meta kien spicca l-counting kollu inkluz il-counting – fil-mument ta' l-ghadd tal-voti jien ma kontx ma' Robert Abela. Kont qed nara l-voting minn fuq monitor ma' genb id-dressing room. Meta kien spicca kollox Robert u Fabrizio gew maghna u jiena tlaqt ma' Fabrizio peress li kien dispjacut, ippakkjajna u tlaqna lejn il-hotel, tlaqna b'coach. Fil-bus kien hemm il-kontingent kollu Malti, inkluz Robert Abela. Naturalment konna kollha demoralizzati peress li konnha gejna l-ahhar. Kellna expectations ohrajn. Tlajna fejn kien hemm speci ta' bus terminus, irkibna l-coach u tlaqna lejn il-hotel. Fl-ebda hin ma kont fil-green room u ghalhekk ma nistax nghid min kien jew ma kienx fis-sakra. Però naf li meta hargu mill-green room, fosthom kien hemm Robert Abela zgur li ma kienx fis-sakra, konna demoralizzati. Qatt ma rajt lil Robert fis-sakra sakemm wasalna fil-hotel. ... Tlaqna bil-coach, sussegwentement wasalna l-hotel, dhalna fir-reception, tkellimna ftit, konna dispjacuti hafna u ghalhekk ma stajniex nikkomunikaw wisq u kulhadd qisu mar ghal rasu jorqod[30]*. John Demanuele wkoll iddikjara li l-attur ma kienx fis-sakra[31] u in kontro-ezami[32] xehed illi *ahna morna lura*

---

[26] Sottolinear tal-Qorti.
[27] Fol. 47 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.
[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2009, fol. 92 sa' 94 tal-process. Sottolinear tal-Qorti.
[29] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007, fol. 20 u 21 tal-process.
[30] Sottolinear tal-Qorti.
[31] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007, fol. 22 sa' 24 tal-process.

*mill-performance lejn il-lukanda fuq mini-van. Konna naha wahda seats ta' zewg persuni u fuq in-naha l-ohra seats ta' persuna wahda. Kont l-ahhar li tlaqjt fuq il-van u kont l-ewwel li hrigt. Fuq din il-mini van mieghi kien hemm Robert Abela, Fabrizio u xi hbieb tieghu, zeffiena, il-voice trainer tieghu u xi ohrajn tal-kumitat. Nies ohrajn però ma kienx hemm. Jien fl-ebda hin ma rajt lil Robert Abela jaghti xi daqqa ta' harta lil Fabrizio anzi naf li kienu qed jaghtu kuragg lil xulxin. Niftakar li meta wasalna fuq il-post jiena inzilt l-ewwel mill-mini van u dhalt nigri fil-hotel u fuq ix-xellug kont iltqajt ma' Ariadne Massa kif ukoll ma' Norman Hamilton u staqsieni x'gara u bdejt nitkellem mieghu. Fil-fatt staqsieni kif kienu Fabrizio u Robert u ghidtlu lil Robert tkellmux because… Kulhadd baqa' tiela fil-lift u tela' fil-kamra tieghu. Fl-ebda hin ma kaxkart lil Robert*[33].

Apparte l-fatt li dak dikjarat minn Amanda Spiteri gie michud u kontradett minn Mike Spiteri u John Demanuele, it-tnejn min-nies minnha imsemmija fix-xhieda taghha, Martin Gauci, xhud prodott mill-konvenuta Grace Borg, in kontro-ezami[34] b'referenza specifika ghal dak li qalet Amanda Spiteri fl-affidavit taghha, xehed illi *qed issirli referenza ghall-affidavit rilaxxat minn Amanda Spiteri u nghid li jiena kont fl-istess trasport ma' Robert Abela u fl-ebda hin ma rajt lis-Sur Demanuele ikaxkar lil Robert Abela gewwa l-lukanda*[35].

Il-konvenuta Grace Borg ressqet bhala xhud ukoll lil Keith Camilleri li fl-affidavit[36] tieghu iddikjara li *on the day of the festival in Greece I was in the green room with the Swiss contingent and walked over to the Maltese team where there was Robert Abela very visibly drunk on the carpet with his head and back resting against the sofa. Mr. Abela was bad mouthing Grace Borg. At the moment I felt akward, and felt that I did not want to listen to his uttering, so I just left*. In kontro-ezami Keith Camilleri xehed *jiena mxejt lejn Robert ghax rajtu ma' l-art u alavolja ahna diga konna f'termini hziena ghax kienu nqalghu l-problemi ghax jien kont qed nirrapprezenta pajjiz iehor, jiena hassejt li kelli mmur nara hux OK ghax rajtu ma' l-art. Is-sufanijiet kienu vojta u ma' Robert kien hemm wiehed jew zewg persuni. Robert kien bilqieghda ma' l-art fuq tapit li kien hemm u b'daru jistrih mas-sufan. Ma nafx kienx hemm post fuq is-sufanijiet qabel dan il-hin. Bil-kliem "bad mouthing" ridt infisser nghid li lehnu kien tqil hafna, kellu ghajnejh homor. Qalli missek kellimt lili ghax Grace kollha trouble. Ma flahtx noqghod hdejh aktar allura tlaqt. Jiena tlaqt qabel Robert. B' "visibly drunk" ridt nghid li lehnu kien tqil hafna mhux bhal meta wiehed kien imdejjaq. Huwa kien mitluq, ghajnejh homor u saqajh dritti ma' l-art*[37].

[32] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2010, fol. 100 sa' 102 tal-process.
[33] Sottolinear tal-Qorti.
[34] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2008, fol. 64 u 65 tal-process.
[35] Sottolinear tal-Qorti.
[36] Fol. 82 tal-process.
[37] Sottolinear tal-Qorti. Xhieda moghtija waqt is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Daniela Mangion fit-8 ta' Frar 2011, fol. 116 u 117 tal-process.

Frankament il-Qorti tqis li l-konkluzzjoni li wasal ghaliha Keith Camilleri li l-attur kien fis-sakra ghaliex kellu lehnu tqil, kien mitluq u ghajnejh homor u saqajh dritti ma' l-art kienet wahda ferm azzardata partikolarment meta wiehed iqis r-rizultat terribbli li Malta kellha f'dak is-Song Contest partikolari u l-istat emottiv evidenti tal-kontingent Malti mat-thabbira tar-rizultati, hekk kif imfisser minn John Demanuele, li kien qieghed ma' gemb l-attur tul il-hin tal-votazzjonijiet, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007[38]: *naf li waqt li kien hiereg ir-rizultat Robert kien fuq il-mobile jitkellem* – fatt dan ikkonfermat mill-lista ta' telefonati li ghamel l-attur matul dak il-hin partikolari esebiti bhala Dok. "A" a fol. 30 tal-process u mill-gdid bhala Dok. "RA" a fol. 38 tal-process – *u ma' l-ewwel tlett votazzjonijiet qal li ma konna ha naghmlu xejn ghalkemm l-intenzjoni taghna kienet li nidhlu fis-semi final. Jiena kont iktar fiducjuz u ghedtlu li konna ghadna fil-bidu però qal li mill-kalkoli li ghamel ma kellniex cans. Meta bdew ghaddejjin il-punti qalli li mhux talli mhux se nidhlu fis-semi finals, izda qalli li se nispiccaw fl-ahhar tlett postijiet. Aktar ma beda jghaddi z-zmien Robert beda iktar ma jitkellimx. Fil-fatt meta spicca kollox hadd ma beda jitkellem u fl-ahhar kienu qisu wicc laskru minghajr espressjoni, jibki. Kienet xena ma tantx felici*[39].

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti tqis li l-konvenuta Grace Borg ma irnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li l-attur kien fis-sakra ma' l-art fil-green room u ghalhekk id-diskors minnha imlissen fil-konfront tieghu mal-wasla taghha l-airport Malta, li in segwitu gie imxandar fuq l-istazzjon TVM waqt il-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006, ma jistax jitqies mod iehor hlief li hu inveritier, libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u ntqal bl-iskop uniku li jtellifu u jnaqqslu r-reputazzjoni tieghu f'ghanejn in-nies. B'hekk it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuta wkoll ghandha tigi michuda in kwantu ghal kollox ingsutifikata.

Il-Qorti in fine se tittratta l-ahhar eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioè li fi kwalunkwe kaz hija ma kellha l-ebda involvement fid-direzzjoni tal-programm Bondi+ mxandar fuq TVM fit-23 ta' Mejju 2006.

L-attur ma huwiex qed iharrek lill-konvenuta *qua* persuna involuta fid-direzzjoni tal-programm imsemmi izda bhala l-persuna li lissnet diskors malafamanti, inveritier u libelluz fil-konfront tieghu, liema diskors instigat il-pubblikazzjoni tieghu kif iktar 'l fuq spjegat f'din is-sentenza, u ghaldaqstant l-involviment o meno taghha f'tali programm huwa ghal kollox irrilevanti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri. B'hekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi ikkunsidrata bhala ghal kollox ingustifikata u bhala tali ghandha tigi michuda.

L-attur jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu ammont likwidat minn din il-Qorti in linea ta' danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *fil-kaz ta'*

[38] Fol. 22 sa' 24 tal-process.
[39] Sottolinear tal-Qorti.

*malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87)* u minnu johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Fil-fehma tal-Qorti l-allegazzjonijiet li l-konvenuta lissnet fil-konfront ta' l-attur, liema allegazzjonijiet gew imxandra fuq l-istazzjon TVM fil-programm Bondi+ tat-23 ta' Mejju 2006, huma ta' certa gravità u serjetà u evidentement bla bazi u ghaldaqstant il-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata b'dawk l-allegazzjonijiet ghandu jkun fis-somma ta' €1,200.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Grace Borg, tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tiddikjara li l-allegazzjonijiet tal-konvenuta Grace Borg fil-konfront tieghu fuq TVM fit-23 ta' Mejju 2006 waqt il-programm Bondi+ huma inveritieri, libelluzi u malafamanti fil-konfront tieghu u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni tieghu, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €1,200 u tikkundanna lill-konvenuta Grace Borg thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €1,200, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief ghal dawk l-ispejjez li jistghu jkunu relattivi ghall-azzjoni kif originarjament diretta fil-konfront ta' Sylvana Cristina, jibqghu a karigu tal-konvenuta. L-ispejjez li jistghu jkunu relattivi ghall-azzjoni kif originarjament diretta fil-konfront ta' Sylvana Cristina ghandhom jibqghu a karigu ta' l-attur.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**